MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Appell Civili Numru. 13/2006/1

**Mary Assunta Azzopardi mart Ludovico, Joseph Camilleri, Michael Camilleri, Peter Paul Camilleri, Evangelista Hili mart Alfred f'isimha proprju u kif ukoll għan-nom tal-imsiefer David Camilleri u b'digriet tat-13 ta' Marzu 2008, Alfred Hili ġie awtorizzat jassumi l-atti għan-nom tal-assenti David Camilleri stante l-mewt ta' Evangelista Hili fil-mori tal-kawża; u b'digriet tat-13 ta' Marzu 2008 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Joseph Hili; Thomas Hili u Anthony Hili stante l-mewt tal-attriċi Evangelista Hili fil-mori tal-kawża**

***versus***

**Anthony Camilleri li b'digriet tal-14 ta' Marzu 2006 ġie nominat kuratur deputat sabiex jirrapreżenta lill-imsiefer Reverendu Dumink Camilleri u għal kull**

**interess li jista' jkollhom: Loreta mart Salvu Camilleri, Carmen mart John Vella, Anna Maria mart il-Perit Teddie Busuttil, Raymond Camilleri u Anton Camilleri kemm f'ismu proprju u kif ukoll għan-nom tal-imsiefer Eugene Camilleri u b'digriet tad-29 ta' Jannar 2010 il-ġudizzju inkwantu jirrigwarda lill-mejjet Anton Camilleri ġie trasfuż fuq isem Marlene armla ta' Anton Camilleri, Clint Camilleri u Francesca Camilleri u b'digriet tal-5 ta' Marzu 2010, ir-Reverendu Dun Duminku Camilleri assuma l-atti f'ismu proprju u f'isem l-imsiefer Eugene Camilleri**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija fid-13 ta' Marzu 2009 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Superjuri, Ġurisdizzjoni Ġenerali, li biha l-qorti ċaħdet it-talbiet tal-atturi biex tħassar kuntratt ta' donazzjoni magħmul mill-awtur tagħhom għax id-donanti ma kellux l-użu tar-raġuni u għax il-pubblikazzjoni ma saritx kif trid il-liġi.

2. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti biex tiċħad dawk it-talbiet ġew minnha mfissra hekk:

«1. F'din il-kawża l-atturi qegħdin jimpunjaw kuntratt li sar fit-3 ta' Frar 1994 fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani u li bih il-ġenituri tal-kontendenti ttrasferew immobbli b'donazzjoni lill-konvenut Dun Dumink Camilleri. Il-kawża ġiet proposta fuq żewġ kawżali:

«a. L-inkapaċità mentali ta' Angelo Camilleri.

«b. Li l-att pubbliku ma ġiex moqri lil Angelo Camilleri fil-prezenża ta' żewġ xhieda.

«2. Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:-

«a. Il-kontendenti huma wlied Angelo u Giuseppa konjuġi Camilleri.

«b. F'Ġunju 1993 Angelo Camilleri sofra puplesija.

«ċ. Fit-3 ta' Frar 1994 sar kuntratt ta' donazzjoni li permezz tiegħu l-konjuġi Camilleri ttrasferew lil binhom il-konvenut Duminku Camilleri, id-dar bla numru *Merħba*, Triq Grunju, Nadur, Għawdex, b'mandra u bitħa annessa. Dakinhar stess it-tabib John Cassar irrilaxxa ċertifikat mediku fejn iddikjara li kien eżamina lil Angelo Camilleri u li sabu fi stat luċidu u kapaċi li jagħmel "... kuntratt jew kitba oħra". Dan iċ-ċertifikat ġie anness mal-kuntratt.

Angelo Camilleri ma ffirmax il-kuntratt in kwantu ġie dikjarat: "Il-komparenti Angelo Camilleri jiddikjara li minħabba infermità fiżika ma jistax jiffirma". Fuq il-kuntratt dehru żewġ xhieda, l-Avukat Dr Carmelo Galea li f'din il-kawża rrappreżenta lill-konvenuti u Maria Borg.
«d. Fl-24 ta' Lulju 1994 miet Angelo Camilleri.
«e. Fit-3 ta' Diċembru 2004 mietet Giuseppa Camilleri.
«f. Fis-6 ta' Frar 2006 saret din il-kawża biex jiġi dikjarat li l-kuntratt tat-3 ta' Frar 1994 hu null minħabba li Angelo Camilleri ma kellux l-użu tar-raġuni u *inoltre* in kwantu ma ġietx segwita l-proċedura rikjesta mil-liġi għall-qari tal-kuntratt f'każ ta' persuni li m'humiex kapaċi li jiffirmaw. Il-kawża saret minn uħud mill-werrieta ta' Angelo Camilleri.
«… … …
«4. Wara li l-kawza kienet ġiet differita għas-sentenza għas-seduta tat-2 ta' Ottubru 2008, fl-1 ta' Settembru 2008 il-konvenuti ppreżentaw rikors fejn talbu permess sabiex jippreżentaw risposta ġuramentata ulterjuri biex tingħata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Permezz ta' risposta preżentata fis-17 ta' Settembru 2008, l-atturi rrimettew ruħhom għal din it-talba. B'digriet mogħti fil-25 ta' Settembru 2008 il-qorti laqgħet it-talba tal-konvenuti, b'dan li filwaqt li ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza tat lill-partijiet l-opportunità biex iressqu l-provi fuq din l-eċċezzjoni. Fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2008 ġie dikjarat li l-partijiet ma kellhomx provi x'iressqu dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, li taqra:
«"Illi kwalsiasi dritt ta' azzjoni talvolta spettanti lill-atturi għar-rexxissjoni tal-kuntratt huwa kolpit bil-perjodu ta' preskrizzjoni ta' sentejn komminat fl-artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili kif ukoll bil-preskrizzjoni ta' ħames snin fit-termini tal-artikolu 1224 tal-istess Kodiċi abbinat mal-artikolu 1225 tal-imsemmi Kodiċi."
«Wieħed mir-rekwiżiti ta' kuntratt hu li l-persuna tkun kapaċi li tikkuntratta. Skond l-artikolu 968 tal-Kodiċi Ċivili:
«"Kull kuntratt magħmul minn persuna li m'għandhiex l-użu tar-raġuni, jew li tkun għad ma għalqitx seba' snin, huwa null."
«Skond l-artikolu 1744 tal-Kodiċi Ċivili, huma inkapaċi li jagħmlu donazzjoni:-
«"… (*a*) dawk li skond il-paragrafi (*a*), (*b*), (*ċ*) u (*d*) ta' l-artikolu 597, huma inkapaċi li jagħmlu testmenti ...".

Dawn jinkludu "... (*d*) dawk li, għalkemm mhux interdetti, ma jkunux f'sensihom fiż-żmien tat-testment", u bl-emendi introdotti bl-Att XVIII tal-2004 ġie jaqra: "dawk li, għalkemm mhux interdetti, ma jkunux kapaċi li jifhmu jew li jkollhom volontà, jew li, minħabba xi difett jew ħsara, ma jkunux kapaċi, ukoll permezz ta' interpreti, li jesprimu r-rieda tagħhom.".
«Skond l-artikolu 1212 tal-Kodiċi Civili:
«"Kull ftehim li fih tkun nieqsa xi wahda mill-kondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, jew li l-liġi tiddikjara espressament null, hu suġġett għar-rexxissjoni."
«Ir-rekwiziti essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, huma (artikolu 966):
«a. Li l-partijiet ikunu kapaċi biex jikkuntrattaw;
«b. Il-kunsens ta' min jobbliga ruhu;
«ċ. L-oġġett tal-kuntratt;
«d. Kawza leċita.
«Fil-każ ta' vjolenza, żball, għemil doluż, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, obbligazzjoni mingħajr kawża jew magħmula fuq kawża falza, l-azzjoni għar-rexxissjoni taqa' bil-preskrizzjoni għeluq sentejn (artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili). Dan il-provvediment ma japplikax għal din l-azzjoni in kwantu l-atturi m'humiex isostnu li l-att hu null minħabba waħda mir-raġunijiet li tissemma fil-provvediment. F'kull każ ieħor, "... il-jedd tal-azzjoni ta' rexxissjoni ta' obbligazzjoni jaqa' bil-preskrizzjoni għeluq ħames snin minn dak in-nhar li l-azzjoni tista' titmexxa, bla ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuni li jkollhom jedd għal din l-azzjoni, bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi." (artikolu 1224 tal-Kodiċi Ċivili).
«Fin-nota ta' sottomissjonijiet preżentata fit-30 ta' Diċembru 2008, l-atturi għamlu distinzjoni bejn l-inkapaċità naturali u dik legali, u jsostnu li l-inkapaċità naturali twassal għall-ineżistenza tal-kuntratt (nullità radikali) u għalhekk l-artikolu 1224 m'huwiex applikabbli fejn hemm l-ineżistenza tan-negozju ġuridiku.
«Għalkemm persuna tista' tkun legalment kapaċi li twettaq att determinat, fil-mument li twettqu tista' ssib lilha nnifisha f'sitwazzjoni ta' inkapaċità. Il-kawża tista' tkun permanenti (eżempju persuna affetta minn forma gravi ta' senilità) jew tranżitorja (eżempju persuna li qiegħda taht l-influwenza

ta' alkoħol). Ovvjament, f'tali ċirkostanzi l-qorti ma tistax, sempliċiment għaliex il-persuna hi legalment kapaċi li twettaq att determinat, ma tagħtix protezzjoni. Fix-xjenza ġuridika, il-kelma nullità hi użata f'sens ta' ineżistenza jew annullabilità. … … …

«… … …

«L-artikolu 973 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi: "Il-persuni kapaċi li jikkuntrattaw ma jistgħux jeċċepixxu n-nullità tal-kuntratt minhabba l-inkapaċità ta' dawk li magħhom ikunu kkuntrattaw". … … … [D]an il-provvediment ma giex limitat għal każijiet ta' inkapaċità legali. Skond il-liġi Maltija n-nuqqas ta' kapaċità (minħabba li parti tkun minuri, interdetta jew inabilitata jew dawk kollha li l-liġi timpedihom minn xi kuntratti – artikolu 967 – u wkoll min m'għandux l-użu tar-raġuni – artikolu 968) ma tagħtix lok għall-ineżistenza tal-kuntratt imma għall-annullabilità. Dan ifisser li n-nullità hi waħda relativa, in kwantu tista' biss tiġi eċċepita mill-parti inkapaċi għaliex ġiet stabbilita biss għall-benefiċċju tal-inkapaċi. B'hekk jidher li l-leġislatur ried li jagħti biss protezzjoni lill-inkapaċi.

«… … …

«Fix-xenarju lokali l-qorti hi tal-fehma li meta persuna li tikkuntratta ma jkollhiex l-użu tar-raġuni, *si tratta* minn annullabilità tal-kuntratt u mhux minn nullità radikali. B'applikazzjoni tal-artikolu 973 tal-Kodiċi Ċivili, il-kuntratt li jsir minn persuna mhux kapaċi (il-liġi ma tagħmilx distinzjoni bejn inkapaċità naturali jew legali) hu meqjus li jeżisti. Kieku l-leġislatur qies li l-kuntratt hu ineżistenti meta jsir minn persuna li m'għandhiex użu tar-raġuni, fl-artikolu 973 ma kienx igħid li l-persuna kapaċi ma tistax teċċepixxi n-nullità tal-kuntratt minhabba inkapaċità tal-persuna li magħha tkun ikkuntrattat. L-annullament ta' att annullabbli jiġi dikjarat fuq talba ta' min hu leġittimat li jitlobha. … … …

«Għalkemm il-jedd ta' azzjoni għar-rexxissjoni jgħaddi għand il-werrieta (artikolu 1225 tal-Kodiċi Ċivili), peress li l-qorti hi tal-fehma li l-inkapaċità ta' parti li tikkuntratta ma tagħtix lok għal nullità assoluta, l-artikolu 1224 tal-Kodiċi Ċivili għandu japplika. Hu veru li fil-kawża ma saritx talba espressa sabiex il-qorti tordna r-rexxissjoni tal-kuntratt, però b'daqshekk ma jfissirx li l-artikolu 1224 ma japplikax. L-azzjoni tal-atturi hi fir-realtà intiża sabiex jiġi rexxiss il-

kuntratt u l-affarijiet jitqiegħdu fl-istat li kienu qabel ġie ffirmat il-kuntratt. Skond l-artikolu 968 tal-Kodiċi Ċivili, kuntratt li jsir minn persuna li m'għandhiex l-użu tar-raġuni hu null, u skond l-artikolu 1212 hu suġġett għar-rexxissjoni ftehim li jkun nieqes minn waħda mill-kondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, jew li l-liġi espressament tiddikjara li hu null.
«… … …
«Il-perjodu ta' ħames (5) snin jiddekorri "... minn dak innhar li l-azzjoni tista' titmexxa". Jidher għalhekk li fil-prinċipju t-terminu sabiex parti timpunja att jibda mil-ġurnata li fiha jeżisti l-att. Kliem li għalhekk ma jfissirx bilfors li l-perjodu jibda jiddekorri minn meta l-parti ssir taf bid-difett, kif jidher li qegħdin jargumentaw l-atturi. Angelo Camilleri miet fl-24 ta' Lulju 1994 u l-kawza ġiet preżentata fis-6 ta' Frar 2006, *cioè* kważi ħdax-il sena wara. … … …
«… … … Jekk wieħed kellu jaddotta t-teżi tal-atturi li "... huma setgħu jeżerċitaw din il-kawża minn meta saru jafu bil-kuntratt mertu tal-kawża", il-qorti hi tal-fehma li rriżulta li meta Angelo Camilleri kien għadu ħaj l-atturi kienu diġà jafu li kien sar il-kuntratt li bih ġiet trasferita l-proprjetà lil-ħuhom il-konvenut Dun Duminku Camilleri. Madankollu ħallew kważi ħdax-il sena jgħaddu qabel ma ħadu passi ġudizzjarji. Hu veru wkoll li rriżulta li d-dikjarazzjoni *causa mortis* ta' Angelo Camilleri saret fit-23 ta' Jannar 1995 mill-istess konvenut f'ismu u f'isem ħutu, fejn il-proprjetà in kwistjoni ma tissemmiex. Madankollu ma kien hemm xejn x'iżomm lill-werrieta milli, wara l-mewt ta' missierhom, isiru jafu x'ħalla fil-wirt. Dan qiegħed jingħad apparti l-konsiderazzjoni l-oħra li għalkemm jedd tal-azzjoni għar-rexxissjoni tgħaddi fil-werrieta, "... dawn ma jistgħux jeżerċitaw dan il-jedd hlief fiż-żmien li kien fadlilhom dawk li mingħandhom ġejjin il-jeddijiet tagħhom, bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra tal-liġi dwar il-ksur jew is-sospensjoni tal-preskrizzjoni" (artikolu 1225). Il-preskrizzjoni ma timxix kontra minuri u l-interdetti (artikolu 2125), però m'hemmx provvediment simili għall-inabilitat jew persuna li m'għandhiex użu tar-raġuni. Fil-fatt l-artikolu 2122 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li l-preskrizzjoni timxi "... (*d*) in ġenerali, kontra kull persuna oħra li ma tidħolx fl-eċċezzjonijiet imsemmija fl-artikoli li ġejjin".

Saħansitra, l-artikolu 1224 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li għall-finijiet ta' din il-preskrizzjoni, "... ma jittieħed ebda qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuni li jkollhom jedd għal din l-azzjoni, bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi". Mejqusa dawn il-provvedimenti jidher li t-terminu jiddekorri wkoll kontra parti li tista' tkun inkapaċi (inabilitata jew m'għandhiex l-użu tar-raguni), in kwantu fil-konfront tagħha l-preskrizzjoni m'hijiex sospiża. Dan minkejja l-fatt li r-raġuni tgħidlek li l-prinċipju għandu jkun illi t-terminu ta' preskrizzjoni għandu jiddekorri mill-ġurnata meta l-persuna ssir kapaċi … … …

«Għalhekk jidher li t-terminu beda jiddekorri fil-konfront ta' Angelo Camilleri minn meta sar il-kuntratt, irrispettivament dwar jekk dak allegat mill-atturi kienx minnu jew le.

«Fiċ-ċirkostanzi l-qorti hi tal-fehma li t-talba tal-atturi in kwantu qegħdin jitolbu dikjarazzjoni li l-kuntratt tat-3 ta' Frar 1994 fl-atti tan-nutar Dr Paul George Pisani hu null għaliex Angelo Camilleri ma kellux l-użu tar-raġuni kif titlob il-liġi, hi preskritta skond l-artikolu 1224 tal-Kodiċi Ċivili.

«5. F'kull każ, mix-xhieda li ngħatat mit-tabib Dr John Cassar għandna konferma li Angelo Camilleri sofra puplesija u wara *pulmonary œdema* li ħallewh paralizzat u dipendenti fuq familjari tiegħu u effettwawlu wkoll il-fakoltjiet konjittivi, u kien ikun iktar mhux luċidu milli luċidu; … … … Madankollu l-istess xhud spjega wkoll kif dakinhar li eżaminah (3 ta' Frar 1994, *cioè* d-data meta ġie pubblikat il-kuntratt ta' donazzjoni), "Nikkonferma li lili Angelo Camilleri kien għarafni. Nikkonferma li Angelo Camilleri seta' jitkellem u kien jiftehem. Nikkonferma ukoll li Angelo Camilleri kien jaf min hu … kien luċidu b'tali mod li seta' jagħmel kuntratt. Nikkonferma li fl-istat li kien Angelo Camilleri seta' jifhem, dakinhar li eżaminajtu, affarijiet sempliċi. Mistoqsi mill-qorti jekk, per eżempju, setax jifhem jekk xi ħadd jgħidlu li ser jagħti rigal lil xi ħaddieħor, ħaġa bħal din Angelo Camilleri seta' jifhimha. ... … … Il-qorti tistqarr li għalkemm il-partijiet taw verżjonijiet kontrastanti dwar il-kapaċità ta' Angelo Camilleri wara li marad, ma tistax tiskarta l-verżjoni li ngħatat minn dan ix-xhud u li tirreferi għall-istat mentali tax-xhud dakinhar li sar il-kuntratt. Il-qorti kellha l-opportunità tisma' lil dan ix-xhud jixhed *viva voce*, u hi tal-

fehma li m'hemmx raġuni għalfejn m'għandhiex temmnu. Jidher li Angelo Camilleri kien ikollu intervalli luċidi u matulhom kien kapaċi li jagħmel kuntratt. … … …
«… … …
«Hu minnu li t-tabib Cassar ma eżaminax lil Angelo Camilleri fil-mument li sar il-kuntratt ta' donazzjoni, però jibqa' l-fatt li kien eżaminah dakinhar stess tal-kuntratt u sabu luċidu biżżejjed sabiex jagħmel kuntratt, li fi kliemu stess seta' jkun trasferiment ta' proprjetà. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-qorti ma tistax tasal biex tgħid li fil-ħin li saret id-donazzjoni, saret prova ċerta permezz ta' fatti preċiżi u univoċi li Angelo Camilleri ma kellux il-kapaċità li jagħmel l-att.
«… … …
«6. L-atturi jsostnu wkoll li l-kuntratt li sar fit-3 ta' Frar 1994 hu null għaliex "... ma nqarax lil Angelo Camilleri quddiem ix-xhieda li dehru fuq il-kuntratt proprju minħabba li l-istess Angelo Camilleri ma kienx f'pożizzjoni li jiffirma". Jibda biex jingħad li teżisti l-presunzjoni ta' ġenwinità tal-kuntratti u atti pubbliċi kollha, sakemm ma ssirx prova kuntrarja, u l-oneru tal-prova hu mixħut fuq min jallega.
«Skond l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkviji Nutarili (Kap. 55), l-att nutarili hu null "jekk l-att ma jkunx inqara lill-partijiet quddiem ix-xhieda, meta dawn huma meħtieġa mil-liġi" (artikolu 40). Il-liġi titlob li jkun hemm żewġ xhieda preżenti "kull meta xi waħda mill-partijiet ma tkunx taf jew ma tkunx tista' tiffirma" (artikolu 25). Kwalsiasi att li ma jkollux il-formalitajiet indispensabbli biex jadempixxi l-iskop li għalih sar, hu null u meqjus bħala li qatt ma eżista. Formalitajiet li huma intrinsiċi u sostanzjali, in kwantu neċessarji għall-eżistenza u perfezjoni tal-att. F'dan il-kuntest il-qorti tqis li l-artikoli 1222 u 1224 ma japplikawx għaliex din il-kawżali tittratta dwar formalità essenzjali imposta mil-liġi. F'dan il-kuntest hu rilevanti l-artikolu 1230 li jipprovdi li f'tali ċirkostanzi fejn il-liġi "espressament tannulla" l-att, it-twettiq jew ratifika ta' att null minħabba nuqqas ta' formalitajiet, "ma jsewwux dan l-att meta ma jsirux b'att li jkollu formalitajiet kollha meħtieġa sabiex kien ikun jiswa l-att li jiġi mwettaq jew ratifikat". Provvediment li jagħti wieħed x'jifhem li din in-nullità hi insanabbli jekk ma ssirx il-formalità li hi rikjesta mil-liġi, u li fiha m'hemmx

riferenza għall-preskrizzjoni kwinkwennali kontemplata fl-artikolu 1224.

«Fir-rigward ta' din il-kawżali ngħataw żewġ verżjonijiet dijametrikament opposti għal xulxin:-

«Nutar Paul George Pisani: fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2006 xehed li meta nqara l-kuntratt, ix-xhieda kienu preżenti. Fit-traskrizzjoni ma jissemmiex jekk Angelo Camilleri kienx preżenti meta nqara l-kuntratt. Sussegwentement l-atturi reġgħu ressqu lin-nutar bħala xhud (seduta tas-6 ta' Lulju 2007) u qal: "Għadu kif inqrali l-*affidavit* li għamlet Maria mart Joseph Borg u li jinsab *a fol.* 30 tal-proċess. Jiena ngħid illi dak li qalet din ix-xhud m'huwiex minnu u dan fis-sens illi dan il-kuntratt mertu ta' din il-kawża nqara u ġie ffirmat fil-preżenza ta' kull min kien involut fih".

«Maria Borg: xehedet li "Safejn naf jien il-kuntratt ma nqarax" u li "l-kuntratt ġie ffirmat fil-kamra fejn kien hemm in-Nutar Pisani u fl-ebda ħin ma sar jew inqara quddiemu Angelo Camilleri" (*fol*. 30). Meta xehedet fl-1 ta' Novembru 2007 qalet: "Jiena nsostni li quddiemi ma nqara l-ebda dokument ... Ċerta wkoll li Anġlu Camilleri fl-ebda ħin ma kien preżenti fejn kont ninsab jiena fid-dar" (*fol*. 227) u li Angelo Camilleri ma kienx qiegħed fil-kamra fejn iffirmat il-kuntratt.

«Il-konvenut Dun Duminku Camilleri xehed li l-kuntratt kien sar "... fil-kamra t'isfel fejn kien jorqod missieri dan l-aħħar. Fil-ħin tal-kuntratt missieri kien bilqegħda fuq siġġu tar-roti u n-Nutar Pisani qara l-kuntratt u spjegah fil-presenza tiegħi, tal-ġenituri tiegħi kif ukoll tax-xhieda l-avukat Dr Carmelo Galea u Marija Borg" (*fol*. 184).

«Fil-kuntratt li ffirmat Maria Borg (*fol*. 6) jingħad li quddiem in-nutar u x-xhieda li ffirmaw, dehru Angelo u Giuseppa konjuġi Camilleri.

«Għal raġunijiet li jafu l-konvenut u d-difensur tagħhom, l-avukat Carmelo Galea (wieħed mix-xhieda) ma xehedx għalkemm kien dikjarat fil-lista tax-xhieda.

«Meta Maria Borg xehedet quddiemha [*sic*], dehret deċiża dwar il-verżjoni li tat. Però l-qorti tistqarr li xorta jibqa' d-dubju jekk il-kuntratt kienx inqara fil-preżenza ta' Angelo Camilleri. Dan iktar u iktar meta wieħed iqis li x-xhud kienet firmatarja għall-kuntratt fejn ġie dikjarat li ġie ppubblikat u moqri fil-preżenza tal-partijiet u xhieda. Il-

qorti tqis li ma tantx hu verosimili li n-nutar u l-avukat (li m'hemmx dubju kien qiegħed jassisti lill-konvenut u jara li kollox imur sew u jilqa' għall-eventwali kontestazzjonijiet tal-kuntratt) kienu ser jieħdu riskju li l-kuntratt jiġi pubblikat mhux fil-presenza ta' wiehed mid-donaturi u fil-preżenza ta' barranija.  Dubju li fil-fehma tal-qorti għandu jimmilita favur il-validità tal-kuntratt. Ċirkostanza li tinklina lill-qorti biex tikkonkludi li l-kuntratt sar kif ġie dikjarat fl-istess att.

«Għal dawn il-motivi l-qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:-

«1. Tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti in kwantu l-ewwel talba tal-atturi hi preskritta *ai termini* tal-artikolu 1224 tal-Kodiċi Ċivili.  B'dan li tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri in kwantu din tirreferi għat-tieni talba.

«2. Tilqa' t-tielet eċċezzjoni [li tgħid li mhux minnu li l-kuntratt ma nqarax lil Angelo Camilleri] u tiċħad it-tieni talba.

«Meħud in konsiderazzjoni tal-istadju li fih ġiet sollevata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, il-qorti tordna li kull parti tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tagħha b'dan li l-ispejjeż relatati mat-tielet eċċezzjoni u tieni talba jkunu a karigu tal-atturi.»

3. L-atturi appellaw minn din is-sentenza b'rikors tat-2 ta' April 2009.  L-ewwel aggravju tagħhom dwar in-nullità tas-sentenza appellata ġie miċħud minn din il-qorti b'sentenza tat-3 ta' Frar 2012.  L-aggravji l-oħra fil-qosor huma dawn:

i. l-azzjoni biex jitħassar il-kuntratt minħabba nuqqas ta' kapaċità mentali naturali ma taqax bi preskrizzjoni taħt l-art. 1224 tal-Kodiċi Ċivili għax dak il-kuntratt huwa milqut b'nullità jew ineżistenza assoluta;

ii. ukoll jekk l-art. 1224 igħodd għall-każ, xorta meta nfetħet il-kawża ma kinux għaddew ħames snin minn dakinhar meta l-azzjoni setgħet tiġi eżerċitata;

iii. qalet ħażin l-ewwel qorti illi Angelo Camilleri ma kienx mentalment kapaċi meta sar il-kuntratt;

iv. qalet ħażin ukoll l-ewwel qorti meta qalet illi ma saritx il-prova illi l-kuntratt ma nqarax lil Angelo Camilelri quddiem ix-xhieda.

4. Il-konvenuti wieġbu fl-20 ta' April 2009 u fissru għala, fil-fehma tagħhom, l-appell għandu jiġi miċħud.

5. Ngħaddu issa biex inqisu wieħed wieħed dawn l-aggravji tal-atturi appellanti.

6. L-ewwel aggravju hu msejjes fuq id-distinzjoni bejn il-kunċett ta’ ineżistenza u dak ta’ annullabilità. Waqt illi l-annullabilità tintlaqat bil-preskrizzjoni estintiva, l-ineżistenza ma taqax bi preskrizzjoni għax dak li ma jeżistix ma jiġix fis-seħħ bil-mogħdija ta’ żmien.

7. L-atturi straħu ħafna fuq id-dottrina taljana biex isaħħu l-argument tagħhom. Għalkemm huwa tajjeb illi fl-interpretazzjoni tal-liġi tagħna ninqdew bil-għanjuna ta’ dottrina u ġurisprudenza ta’ sistemi legali li jixbhu lil dak tagħna, irridu noqogħdu attenti illi d-differenzi bejn id-dispożizzjonijiet tal-liġi tagħna u dawk tal-liġi barranija ma jkunux hekk li argumenti li jgħoddu għal waħda ma jkunux igħoddu wkoll għall-oħra. Qabel kull ħaġa oħra rridu nżommu f’moħħna illi l-liġi nisiltuha l-ewwelnett mill-Kodiċijiet tagħna u mhux mid-dottrina jew mill-ġurisprudenza. Dawn tal-aħħar ċertament ikunu ta’ għajnuna fl-interpretazzjoni iżda mhux il-għajn ewlenija tal-liġi fejn ma jaqblux ma dak li nsibu fil-Kodiċi.

8. L-art. 1422 tal-Kodiċi Ċivili taljan igħid espressament illi:

«Art. 1422 *Imprescrittibilità dell’azione di nullità*

«L’azione per far dichiarare la nullità non è soggetta a prescrizione, salvi gli effetti dell’usucapione e della prescrizione delle azioni di ripetizione.»

9. Relevanti wkoll l-art. 1418 illi igħid x’inhuma l-kawżi ta’ nullità:

«Art. 1418 *Cause di nullità del contratto*

«Il contratto è nullo quando è contrario a norme imperative, salvo che la legge disponga diversamente.

«Producono nullità del contratto la mancanza di uno dei requisiti indicati dall’articolo 1325, l’illiceità della causa, l’illiceità dei motivi nel caso indicato dall’articolo 1345 e la mancanza nell’oggetto dei requisiti stabiliti dall’articolo 1346.

«Il contratto è altresì nullo negli altri casi stabiliti dalla legge.»

10. Mela hija b’dispożizzjoni espressa tal-liġi illi kuntratt vizzjat minħabba nuqqas ta’ wieħed mi-rekwiżiti tiegħu huwa milqut *b’nullità imprescrittibile*. Fil-Kodiċi Ċivili tagħna ma hemmx dispożizzjonijiet bħal dak miġjuba fuq

tal-Kodiċi taljan, u għalhekk ma hemmx dik l-applikabilità awtomatika tad-dottrina taljana li jaraw l-atturi appellanti.

11. Iċċarat dan il-punt, il-qorti tosserva illi madankollu taqbel mal-atturi illi hemm gradi ta' patoloġija tan-negozju ġuridiku illi mhux kollha jintlaqtu bl-istess mod bil-preskrizzjoni. Taqbel ukoll illi hemm differenza radikali bejn l-ineżistenza u l-annullabilità.

12. Kuntratt ineżistenti huwa wieħed fejn jonqos wieħed mill-elementi meħtieġa biex il-kuntratt ikun identifikat bħala negozju ġuridiku li jġib l-effetti li jridu l-partijiet. Eżempju klassiku huwa l-każ ta' ftehim ta' bejgħ ta' immobbli magħmul bil-fomm. Dan huwa kuntratt ineżistenti għax il-liġi tidentifika bħala kuntratt ta' bejgħ ta' immobbli dak biss magħmul b'att pubbliku. Kuntratt bħal dak qatt ma jipproduċa xi effett u ma hemm ebda ħtieġa li dak il-kuntratt jiġi rexiss għax dak li qatt ma sar ma jistax jitħassar. Mela l-preskrizzjoni ma tidħolx f'dan il-każ għar-raġuni illi ma hija meħtieġa li ssir ebda azzjoni ta' rexissjoni.

13. Kuntratt annullabbli, iżda, ma huwiex ineżistenti. Huwa identifikabbli bħala negozju ġuridiku u jipproduċi l-effetti tiegħu sakemm jitħassar, ukoll jekk, meta jitħassar, dan iseħħ *ex tunc*.

14. Li rridu naraw mela hu jekk, taħt il-liġi tagħna, kuntratt vizzjat minħabba nuqqas ta' kapaċità kuntrattwali f'waħda mill-partijiet huwiex kuntratt ineżistenti – li qatt ma kien fis-seħħ u għalhekk ma jeħtieġx li jitħassar, u li ma jinġiebx fis-seħħ minħabba mogħdija ta' żmien – jew huwiex kuntratt annullabbli.

15. Naraw mela, qabel xejn, xi tgħid il-liġi. Id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kodiċi Ċivili huma dawn:

« **968.** Kull kuntratt magħmul minn persuna li m'għandhiex l-użu tar-raġuni, jew li tkun għad ma għalqitx seba' snin, huwa null.

«…

« **973.** Il-persuni kapaċi li jikkuntrattaw ma jistgħux jeċċepixxu n-nullità tal-kuntratt minħabba l-inkapaċità ta' dawk li magħhom ikunu kkuntrattaw.

«…

« **1212.** Kull ftehim li fih tkun nieqsa xi waħda mill-kondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, jew li

l-liġi tiddikjara espressament li hu null, hu suġġett għar-rexxissjoni.

«…

« **1222.** (1) Meta l-liġi f'xi każ partikolari ma tistabbilixxix żmien aqsar, l-azzjoni għar-rexxissjoni minħabba vjolenza, żball, għemil doluż, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni għeluq sentejn.

« (2) Dan igħodd ukoll għar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet mingħajr kawża, jew magħmulin fuq kawża falza.

« **1223.** (1) Iż-żmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jibda jgħodd biss, fil-każ ta' vjolenza, minn dak in-nhar li l-vjolenza tispiċċa, u, fil-każ ta' żball, ta' għemil doluż, jew ta' kawża falza, minn dak in-nhar li jinkixef id-difett.

« (2) Fil-każ ta' obbligazzjoni mingħajr kawża, iż-żmien jibda jgħodd minn dak in-nhar tal-kuntratt.

« **1224.** F'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, il-jedd tal-azzjoni ta' rexxissjoni ta' obbligazzjoni jaqa' bil-preskrizzjoni għeluq ħames snin minn dak in-nhar li l-azzjoni tista' titmexxa, bla ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuni li jkollhom jedd għal din l-azzjoni, bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi.

« **1225.** Il-jedd tal-azzjoni għar-rexxissjoni jgħaddi fil-werrieta:

« Iżda dawn ma jistgħux jeżerċitaw dan il-jedd ħlief fiż-żmien li kien fadlilhom dawk li mingħandhom ġejjin il-jeddijiet tagħhom, bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra tal-liġi dwar il-ksur jew is-sospensjoni tal-preskrizzjoni.

« **1744.** Huma inkapaċi li jagħmlu donazzjoni -

«(*a*) dawk li, skond l-artikolu 597 … (*b*)[1] … u (*d*)[2], huma inkapaċi li jagħmlu testmenti;

**«** **1745.** Id-donazzjoni magħmula minn min mhux kapaċi jagħmel donazzjoni, hija nulla … … …»

16. Fil-fehma ta' din il-qorti, dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi juru illi (i) kuntratt magħmul minn min ma għandux kapaċità mentali ma huwiex kuntratt ineżistenti, u (ii) l-

[1] "dawk li, għalkemm mhux interdetti, ma jkunux kapaċi li jifhmu jew li jkollhom volontà".

[2] "dawk li, għalkemm mhux interdetti, ma jkunux f'sensihom fiż-żmien tat-testment".

azzjoni għar-rexissjoni ta' kuntratt bħal dak taqa' bi preskrizzjoni għeluq ħames snin minn dak in-nhar li l-azzjoni tista' titmexxa.

17. Li l-kuntratt ma huwiex wieħed ineżistenti joħroġ ċar mill-art. 973, li jgħid illi l-persuni li huma kapaċi li jikkuntrattaw ma jistgħux jeċċepixxu n-nullità tal-kuntratt minħabba l-inkapaċità ta' dawk li magħhom ikunu kkuntrattaw. Li kieku l-kuntratt kien tassew ineżistenti, ma kien ikun jeżisti għal ħadd, la għal parti u lanqas għal oħra. Il-fatt illi parti tista' tinsisti illi l-kuntratt jitwettaq juri biċ-ċar illi l-kuntratt jeżisti. Dan mela huwa każ ta' annullabilità relativa u mhux każ ta' ineżistenza assoluta.

18. Naraw issa għala l-azzjoni ta' rexissjoni biex jitħassar kuntratt annullabbli taqa' bi preskrizzjoni.

19. L-artt. 968 u 1745 igħidu illi kuntratt magħmul minn min ma għandux kapaċità mentali, u donazzjoni magħmula minn min ma huwiex kapaċi jagħmel donazzjoni, huwa null – fis-sens, kif rajna, ta' annullabilità relativa – u l-art. 1212 igħid illi kull ftehim li l-liġi tiddikjara espressament li hu null, hu suġġett għar-rexxissjoni. Mela kuntratt magħmul minn min ma għandux kapaċita mentali huwa null u r-rexissjoni ta' dak il-kuntratt tinkiseb bl-azzjoni relativa. Il-liġi iżda tgħid espressament illi l-jedd tal-azzjoni ta' rexxissjoni jaqa' bil-preskrizzjoni. Ma jistgħux mela l-attur jgħidu illi l-azzjoni tallum – azzjoni ta' rexissjoni – hija impreskrittibbli. L-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

20. Ngħaddu issa għat-tieni aggravju, li jgħid illi ż-żmien ta' preskrizzjoni kien għadu ma għalaqx meta nfetħet il-kawża.

21. Ladarba r-rexissjoni ma hijiex qiegħda tintalab minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-art. 1222 – vjolenza, żball, għemil doluż, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età – mela l-azzjoni taqa' bi preskrizzjoni taħt l-art. 1224 "għeluq ħames snin minn dak in-nhar li l-azzjoni tista' titmexxa".

22. Il-qofol tal-argument tal-atturi huwa illi l-azzjoni setgħet titmexxa biss meta huma saru jafu bil-kuntratt, u huwa minn dakinhar illi beda għaddej iż-żmien tal-preskrizzjoni.

23. Il-qorti kienet tasal biex tgħid illi, li kieku ntwera li Angelo Camilleri, awtur tal-atturi, ma setax imexxi

b'azzjoni għax ma kellux il-kapaċità mentali meħtieġa għal-leġittimazzjoni ġudizzjarja mingħajr għajnuna, mela l-preskrizzjoni ma bdietx tgħaddi sakemm dam f'dak l-istat, li kieku l-liġi, fl-art. 1224, ma qalitx espressament li ż-żmien jgħaddi "bla ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuni li jkollhom jedd għal din l-azzjoni". Dan ifisser illi l-azzjoni setgħet saret dakinhar stess li sar il-kuntratt, irrispettivament mill-istat jew il-kondizzjoni ta' Angelo Camilleri, u minn dakinhar bdiet timxi l-preskrizzjoni. Meta mbagħad miet Angelo Camilleri, l-atturi setgħu taħt l-art. 1225 jagħmlu l-kawża huma, iżda biss "fiż-żmien li kien fadlilhom dawk li mingħandhom ġejjin il-jeddijiet tagħhom", u li, kif rajna, beda jgħaddi minn dakinhar li sar il-kuntratt.

24. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

25. It-tielet aggravju huwa dwar in-nuqqas ta' kapaċità mentali ta' Angelo Camilleri. Dan l-aggravju huwa, fiċ-ċirkostanzi, irrelevanti. Ukoll jekk Angelo Camilleri tassew ma kellux il-kapaċità mentali biex jagħmel il-kuntratt, u għalhekk l-azzjoni ta' rexissjoni kienet tirnexxi li kieku saret fil-waqt, illum l-azzjoni ma tistax iżjed issir għax waqgħet bi preskrizzjoni.

26. Il-qorti għalhekk ma hijiex sejra tqis dan l-aggravju.

27. L-aħħar aggravju joqlot il-validità formali tal-kuntratt fid-dawl ta' dak li jgħidu l-artt. 25 u 40 tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkviji Nutarili [Kap. 55]:

« **25.** (1) In-nutar ma jista' jirċievi ebda att nutarili jekk mhux quddiem il-partijiet.

« (2) Il-presenza ta' żewġ xhieda ma tkunx meħtieġa ħlief fil-każijiet li ġejjin:

«… … … ;

«(*b*) kull meta xi waħda mill-partijiet ma tkunx taf jew ma tkunx tista' tiffirma isimha;

«… … …

« **40.** L-att nutarili hu null –

«… … … ;

«(*d*) jekk ma jitħarsux id-disposizzjonijiet tal-artikoli 25 … … …;

«… … …

«(*f*) jekk l-att ma jkunx inqara lill-partijiet quddiem ix-xhieda, meta dawn huma meħtieġa mil-liġi;»

28. L-atturi jinsistu illi l-kuntratt ma nqarax lil Angelo Camilleri quddiem ix-xhieda, u qegħdin jistrieħu fuq dak li xehdet Maria Borg, li kienet waħda miż-żewġ xhieda meħtieġa fuq il-kuntratt billi Angelo Camilleri ma kienx jista' jiffirma ismu.

29. Bla ma tidħol fil-kwistjoni, mqanqla mill-ewwel qorti, jekk l-azzjoni ta' rexissjoni minħabba ksur tal-art. 25 tal-Kap. 55 taqax ukoll bi preskrizzjoni, din il-qorti tistqarr illi dan l-aggravju, u, partikolarment, ix-xiehda ta' Maria Borg ħassbuha mhux ftit. Din hija xhud għalkollox disinteressata u ma hemm xejn xi jħajjarha li fix-xiehda tagħha xxaqleb lejn parti jew lejn oħra. Lanqas ma hija wisq impressjonata l-qorti bil-"kontradizzjonijiet" li l-konvenuti jgħidu li jaraw fix-xiehda tagħha, li huma lkoll dwar dettalji li faċli titfixkel fihom bla ma jfisser li tkun qiegħed tgħid kliem b'ieħor.

30. Aktar iħasseb lill-qorti l-fatt illi x-xhud l-ieħor fuq il-kuntratt – l-Avukat Carmelo Galea – għażel li ma jixhidx. Fuq punt kontestat bħal dan kont tistenna li jagħti x-xiehda tiegħu, aktar u aktar meta tqis illi x-xhud l-oħra kienet kategorika fl-istqarrija tagħha. X'żammu lura mill-jixhed?

31. Din il-qorti, bħall-ewwel qorti, għandha dubji dwar kemm tassew kollox sar kif kellu jsir. Madankollu, tifhem ukoll illi *omnia præsumuntur rite et solemniter acta esse* u għalhekk l-oneru qiegħed fuq l-atturi li juru illi dak li jingħad fil-kuntratt – illi "l-att ġie magħmul, moqri u pubblikat wara d-debita ċerzjorazzjoni … … … u quddiem ix-xhieda" – ma huwiex minnu. Tifhem ukoll illi l-ewwel qorti kellha l-okkażjoni li tisma' u tara lix-xhieda jixhdu quddiemha. Bħal din il-qorti l-ewwel qorti wkoll kellha d-dubji tagħha, u tat piż lil dawn id-dubji wkoll meta waslet għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fid-dawl tal-apprezzament li għamlet l-ewwel qorti, li juri li qieset il-fatturi kollha relevanti, din il-qorti ma hijiex sejra mingħajr raġuni gravi u konvinċenti taqleb il-konklużjonijiet tal-ewwel qorti dwar kwistjonijiet ta' fatt. Bħall-ewwel qorti din il-qorti hija tal-fehma illi, meta tqis kollox, ma tistax tasal għall-konvinċiment, lanqas fuq livell ta' probabilità, li l-atturi għelbu l-oneru tal-prova. Ukoll bħall-ewwel qorti, din il-qorti tqis illi ma huwiex wisq probabbli illi kuntratt li sar fil-preżenza ta' żewġ professjonisti – in-nutar li ippubblika l-att u l-avukat li kien xhud – sejjer ma jsirx kif għandu jsir,

aktar u aktar meta n-nuqqas allegat mill-atturi huwa formalità li faċilment titħares.

32. Fiċ-ċirkostanzi, din il-qorti ma tarax illi tista’ tilqa’ dan l-aggravju tal-atturi.

33. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu regolati kif trid is-sentenza appellata; l-ispejjeż tal-appell iħallsuhom l-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------